BIRŻEBBUĠA

"Dar Birżebbuġa" Triq Santa Marija - Birżebbuġa Tel: 21650165 Email: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto: **PAĊI U SAĦĦA LIL KULĦADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 06/14 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 23 ta' Gunju 2014 fl-4.00pm.**

| Preżenti | Membri |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino** |
| | **Is-Sur Kevin Barun** |
| | **Is-Sur Carmelo Cachia** |
| | **Is-Sur Charles Muscat** |
| | **Mrs Bernardette Pace** |
| | **Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Marthese Parascandalo** |

## AĠENDA 1

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 05/14 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sur S. Zammit ippropona u s-Sur K. Barun issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 05/14 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mis- Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

**AĠENDA 2**

01/06 Kien hemm talba biex is-Socjeta Filarmonika San Pietru jibdlu id-data u l-post fejn se jagħmlu Festa Ġelat u għalhekk, il-kunsill reġa ddiskuta t-talba. Il-Kunsill qabel li ssir nhar is-Sibt 16 u l-Ħadd 17 ta' Awissu ġo Wied il-Buni u li tingħata 'no objection' letter, dejjem suġġetta għall-permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati u bil-kundizzjoni li t-tisjir isir minn fejn jispiċċa il-paving tal-promenad 'l ġewwa lejn il-Freeport.

02/06 Kien hemm talba mid-djaknu Brian Gialanze' biex jagħmel corteo qabel il-prima messa nhar il-Ħadd 10 ta' Awissu, fl-4.30pm u wara l-quddiesa jkollu festin fuq iz-zuntier tal-knisja. Il-Kunsill qabel li tingħata 'no objection' letter, dejjem suġġetta għall-permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati, kif ukoll provda għal żewg mobile toilets, bins għal fuq iz-zuntier u permess għal 'No Parking' biex ikun jista' jinħatt u jinġabar xi apparat.

03/06 Kien hemm talba minn Fr. Anton Galea-Scannura għall-permess biex isir użu minn-Ġnien Indipendenza nhar is-Sibt 26 u l-Ħadd 27 ta' Lulju għall-Lejla Sajfija. Il-Kunsillieri qablu li tingħata 'no objection letter' dejjem suġġetta għal permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati u li għall-provvista tad-dawl, jiġi kkuntatjat is-Sur S. Zammit.

04/06 L-istess Fr. Anton Galea-Scannura talab li nhar it-30 ta' Lulju mill-5.00pm 'l quddiem, juża Misrah il-Pajtier għall-attivita' tal-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali. Talab ukoll li ma jkunx hemm karozzi pparkjati biex ma joħolqux diffikultajiet għal dawn in-nies. Għall-din it-talba, il-Kunsillieri ma sabu l-ebda oġġezzjoni, suġġetta għal permessi kollha meħtiega tal-awtoritajiet konċernati.

05/06 Kien hemm talba mill-Free Outreach Training Provision tal-ETC fejn talbu lill-Kunsill jipprovdi lok fejn isiru l-lezzjonijiet matul is-sena kollha. Il-Kunsillieri ssuġġerew li l-Kunsilliera Ms. Bernadette Pace tiltaqa' mar-rapreżentant tal-ETC għal aktar informazzjoni.

06/06 Kien hemm talba mis-Sur Mario Calleja, għall-permess biex issir 'fun day' għal ġbir ta' fondi għat-tfal fqar ta' Arequipa fil-Peru, fil-Bajja s-Sabiħa u l-grownd tal-futboll, nhar is-Sibt, 5 ta' Lulju mid-9.00am 'l quddiem. Il-kunsillieri ma sabu l-ebda oġġezzjoni dejjem suġġett għall-permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati.

## **AĠENDA 3**

Memo 17/2014 – Streaming tal-Laqgħat online u Għajnuna Finanzjarja għas-Servizz tal-Internet.

Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-Memo, ġie deċiż li ssir l-applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja.

## **AĠENDA 4**

Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali. Ser tiġi diskussa aktar 'il quddiem minħabba restrizzjoni ta' ħin.

## **AĠENDA 5**

Bye-laws ta' l-2011 dwar Żoni Esklużivi għal Barbecues**.** Ser tiġi diskussa aktar 'il quddiem minħabba restrizzjoni ta' ħin.

## **AĠENDA 6**

Wara li l-Kunsill iddiskuta il-qagħda preżenti fir-rigward ta' tqassim ta' xogħol u responsabilitajiet tal-personnel klerikali tal-Kunsill, ġie deċiż li jsir 'work and responsibility audit' ħalli jsir t-tibdil neċessarju biex jiġi frankat l- ħin li jista' jiġi użat għall-affarijiet oħra u titnaqqas il-pressure fuq l-istess personnel.

## **AĠENDA 7**

Tressqet fuq il-mejda l-iskeda tal-pagamenti u l-'purchase requests' tagħhom, għax-xahar ta' Mejju. Is-segretarju eżekuttiv informa l-kamra li l-pagament numerat 29, tal-Public Convenience kien qed jitħallas f'għeluq ix-xahar minflok bix-xahar lura għaliex il-kuntrattur kien għamel ħafna spejjeż meta daħal fil-kuntratt. Il-Kunsillieri qablu ma' dan il-ħlas pero' m'aċċettawx it-talba tal-kuntrattur li xtaq jibqa' jitħallas dejjem f'għeluq ix-xahar minflok bix-xahar lura. Ma kien hemm l-ebda mistoqsija dwar il-pagamenti mniżżla fl-iskeda u il-Kamra approvat is-somma ta' €41,927.74, skond Skeda Numru 05/14.

Kien hemm talba mill-kuntrattur tal-Public Convenience ta' qabel dak preżenti biex jieħu l-aħħar pagament u l-garanzija. Il-Kunsillieri kollha qablu li dan il-ħlas ma jsirx qabel ma' l-Contracts Manager joħrog ir-rapport tal-ħsarat li għadhom ma ġewx koperti mill-istess kuntrattur ta'qabel.

**AĠENDA 8**

1. Is-Sindku nforma l-Kamra li:

- Teżisti problema minħabba il-'Bring in site' fi Triq il-Qajjenza, ħdejn l-ex-impjant tal-gas. Dan għaliex xi nies irresponsabbli kienu qedin jużaw dawn l-iskips għall-fdalijiet ta' ħut, annimali oħra u debri' tal-bini, u n-nies li soltu kienu jużawhom kif suppost, ma kienux qed jażżardaw minħabba l-irwejjaħ qawwija, l-biża ta' xi infezzjoni u nuqqas ta' spazju. Il-kamra qablet li jiġu avviċinati il-Greenpak biex jaraw x'jista isir.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li :

- Il-klerk li tieħu ħsieb l-accounts kienet għada fi skala 15 wara ħames snin taħdem mal-Kunsill u li skont l-iskali tal-gvern, 'accounting technician' għandu jkun fi skala 14.

3. Il-Viċi-Sindku, is-Sur K. Barun:

- Issuġġerixxa li l-Kunsill joħrog 'expression of interest' rigward il-ġbir taż-żebbug, iżda ġie infurmat li din is-sena ma kinitx sena tajba għas-sigar taż-żebbuġ.

- Informa l-Kamra li rċevejna ittra mingħand xi players tal-football Niġerjani li riedu ittra mingħandna fejn ngħidu li se nilqgħuhom fostna iżda din it-talba ma ġietx milquha mill-Kunsill.

- Semma li saret il-laqgħa tal-monitoring board u li rridu ninvestigaw l-EIA rigward l-għawm. F'każ li fl-EIA ma jissemmix li se jintlaqtu l-għawwiema, is-Sur Barun huwa tal-opinjoni li l-permess jiġi invalidu u f'dak il-każ jiġi infurmat is-CEO tal-MEPA biex jieħu passi.

4. Il-Kunsillier, is-Sur S. Zammit ressaq dawn il-punti rigward x'hemm bżonn isir bħala preparamenti għall-Festa:

- Żbir ta' siġar fil-pjazza – jekk jista' jkun nikkonsultaw mal-għaqdiet tan-nar biex ma ssirx ħsara lis-siġar u n-nar ikun jista' jitgawda aħjar. Ukoll, xi residenti talbu illi s-siġar jitbaxxew kemm jista' jkun minn fuq.
- Ikun hemm il-Mobile Toilets u sinjali bħas-sena l-oħra. Minnħabba li t-Triq Kurat Fenech tkun magħluqa, dawn għandhom jitpoġġew fuq il-bankina tax-xellug, ħdejn il-parking tad-disabled. Jistgħu jitpoġġew mill-Ħamis sal-Ħadd.
- Bins bħas-sena l-oħra u jekk jista' jkun jiżdiedu.

- Riklami fuq il-kotba tal-festa (Kappillan, żewg każini).
- Jingħata s-servizz ta' tindif bħas-sena l-oħra wara l-marċ ta' filgħodu.
- Earth Electrodes – minħabba memo li rċevejna sabiex jiġu nfurzati r-regolamenti tal-IEE, huwa obligatorju li kull gabbana tkun earthed. Issuġġerixxa li tiġi nstallata earth electrode għal kull żewġ gabbani. Peress li kull electrode tiswa madwar Euro 100 il-waħda, kull gabbana kellha tħallas €40 biex tqabbad magħha u jinżamm deposit ta' Euro 50 għal xi ħsara li tista ssir.
- Permessi tal-ħwienet – kollox bħas-sena l-oħra biss:
    1. Il-Ġimgha 01/08 Triq Profs. Anton Tabone għandha tkun aċċessibli sad-9:45pm sabiex jgħaddi l-marċ.
    2. Biex joħrog il-permess irid ikun hemm verifika tal-liċenzji u permessi tal-iskips.

- Isiru numru ta' plastic bins fl-erja tas-St. Peter's li jkunu responsabbli għalihom tas-St. Peter's stess. Il-kuntrattur li jnaddaf il-bins tax-xatt jingħata struzzjonijiet biex jiġbor dan l-iskart ukoll.

Suġġerimenti għall-diskussjoni għal-laqgħa li jmiss:

- Triq il-Borok – napprezza direzzjoni jekk għandniex nikkunsidraw illi Triq il-Borok tibqa one-way imma fid-direzzjoni opposta.
- Road hump fi Triq il-Fossili jew Triq Herakles (375mm x 50mm). Għandna approvazzjoni minn TM imma ma indikawx liema naħa. Kellha ssir verifika tal-petizzjoni. Biex fl-agenda tal-laqgha li jmiss ikun hemm diskussjoni dwar x'pass imiss li niehdu.

**Għeluq**

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-7.00pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar id-29 ta' Lulju fil-5.30pm.

..........................................

**Joseph Farrugia**
**Sindku**

..............................................

**Marthese Parascandalo**
**Segretarju Eżekuttiv**